

**DIRETTIVA 2013/.../UE**

**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali  
li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-klieb, il-qtates u l-inmsa**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att legislativ lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU C 229, 31. 7.2012, p. 119.

<sup>2</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta'... .

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti tas-saħħha tal-animali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-krieb, il-qtates u l-inmsa huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar is-saħħha tal-animali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' animali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal-ħtiġijiet ta' saħħha tal-animali meħtieġa f'regoli spċifici tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A (I) tad-Direttiva 90/425/KEE<sup>1</sup>.
- (2) Dawk ir-rekwiżiti jirreferu għar-rekwiżiti rilevanti tas-saħħha tal-animali applikabbli għall-movimenti mhux kummerċjali tal-krieb, il-qtates u l-inmsa fi Stat Membru minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiżi jew territorji terzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħha tal-animali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets **█**<sup>2</sup>.
- (3) Minħabba t-tħassir tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 bir-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-animali domestiċi<sup>3+</sup>, id-Direttiva 92/65/KEE jeħtieġ li tiġi emadata sabiex jitneħħew ir-referenzi għar-Regolament (KE) Nru 998/2003 u jiġu sostitwiti b'referenzi għar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>++</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU L 268, 14.9.1992, **p. 54.**

<sup>2</sup> ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L ... .

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data, in-numru u r-referenza fil-ĠU ta' PE-CONS 9/2013 (2012/0039(COD)).

<sup>++</sup> ĠU: jekk jogħġibok daħħal in-numru ta' PE-CONS 9/2013 (2012/0039(COD)).

- (4) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati <sup>1</sup> jaapplika *inter alia* għat-trasport ta' klieb, qtates u inmsa li jsir fl-Unjoni. Ir-referenza għal dak ir-Regolament għandha għalhekk tiddah hal fid-Direttiva 92/65/KEE li tistabbilixxi l-ħtiġi jiet dwar is-sahħha tal-annimali applikabbi għall-kummerċ ta' dawk l-annimali.
- (5) Barra minn hekk, l-esperjenza fl-applikazzjoni tad-Direttiva 92/65/KEE uriet li l-eżami kliniku ta' annimal 24 siegħa qabel it-tluq, fil-parti l-kbira tal-każijiet mhuwiex prattiku. Għalhekk, jixraq li l-limitu ta' żmien stabbilit fid-Direttiva 92/65/KEE jiġi estiż għal 48 siegħa, kif irrakkommandat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħha tal-Annimali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.

(6) Il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ partikolari ma jkunx iġġustifikat li l-Istati Membri jintalbu jibagħtu dokumenti spjegattivi lill-Kummissjoni biex jispjegaw ir-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-partijiet korrispondenti tad-dokumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Din id-Direttiva tipprevedi għadd limitat ħafna ta' emendi għad-Direttiva 92/65/KEE, li għandhom jagħmluha possibbli li l-Kummissjoni tikseb l-informazzjoni rigward it-traspożizzjoni mingħajr ma talloka ħafna riżorsi għal dak il-kompli. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandhom jibagħtu t-test tal-miżuri trasposti lill-Kummissjoni.

(7) Id-Direttiva 92/65/KEE għandha għalhekk tiġi emadata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

*Emendi*

Id-Direttiva 92/65/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

""2. Biex ikunu l-oġġett ta' kummerċ, il-klieb, il-qtates u l-inmsa għandhom:

- (a) jiissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-***Artikolu 5 u, fejn applikabbi,***  
***fl-Artikolu 6*** tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsil ta' ... dwar il-moviment mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi<sup>+</sup>;
- (b) isirilhom eżami kliniku, 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-annimali, minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti; ***u***

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal id-data, in-numru u r-referenza fil-ĠU ta' PE-CONS 9/2013 (2012/0039(COD)).

- (c) ikunu akkumpanjati matul it-trasport sal-post tad-destinazzjoni minn ċertifikat tas-sahħha li:
- (i) jikkorrispondi għall-mudell fil-Parti 1 tal-Anness E; **u**
- (ii) ikun iffīrmat minn veterinarju uffiċjali li għandu jiċċertifika li l-veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti jkun iddokumenta, fit-taqSIMA rilevanti tad-dokument tal-identifikazzjoni fil-format previst fl-*Artikolu 21(1)* tar-Regolament (UE) Nru .../2013\*, l-eżami kliniku mwettaq skont il-punt (b) li juri, fil-ħin tal-eżami kliniku, li l-animali huma f'kondizzjoni tajba biex jiġu ttrasportati tul il-vjaġġ intenzjonat f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-animali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati\*\*.

---

\* ĠU L ....

\*\* ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.";

- (b) il-paragrafu 3 huwa mħassar.

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġgbok daħħal in-numru ta' PE-CONS 9/2013.

(2) Fl-Artikolu 16, it-tieni u t-tielet paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Fir-rigward tal-qtates, il-klieb u l-inmsa, il-kondizzjonijiet tal-importazzjoni għandhom ikunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk previsti ***fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 10(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 12*** tar-Regolament (UE) Nru .../2013<sup>+</sup>.

Barra mill-kondizzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagraphu, il-klieb, il-qtates u l-inmsa għandhom, matul it-trasport sal-post tad-destinazzjoni, ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħha li jkun mimli u ffirmat minn veterinarju uffiċjali, li għandu jiċċertifika li sar eżami kliniku 48 siegħa qabel il-ħin tat-tluq tal-animali minn veterinarju awtorizzat mill-awtorità kompetenti u li jkun ivverifika li, fil-ħin tal-eżami kliniku, l-animali kienu f'kondizzjoni tajba biex jiġu ttrasportati għall-vjaġġ intenzjonat".

---

<sup>+</sup> ĠU: jekk jogħġibok daħħal in-numru ta' PE-CONS 9/2013.

*Artikolu 2*  
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa ...<sup>+</sup>, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn ...<sup>++</sup>.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom isiru dawn ir-referenzi għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

---

<sup>+</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal data: id-data tal-applikazzjoni ta' **PE-CONS 9/2013** nieqes jum wieħed.

<sup>++</sup> ĠU: Jekk jogħġibok daħħal data: id-data tal-applikazzjoni ta' **PE-CONS 9/2013**.

*Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul ***fi*** ...

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

*Ġustifikazzjoni*

*Bil-ġhan li jkun hemm konklużjoni fl-ewwel qari ta' dan id-dossier, sar ftehim dwar "pakkett ta' kompromess" bejn ir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dan il-“pakkett ta' kompromess” jikkonsisti fl-emenda konsolidata meħmuża, imressqa mir-rapporteur u mix-shadow rapporteurs f'isem il-gruppi politiċi tagħhom. Approvazzjoni tal-“pakkett ta' kompromess” tkun tħisser li jaqgħu l-emendi l-oħrajn kollha.*